

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2031****tat-13 ta' Novembru 2015****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 187 tiegħu

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 <sup>(2)</sup> fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa verġni li jaqa' fil-kodiċijiet NM 1509 10 10 u 1509 10 90, miksub kollu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż. L-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi limiti fix-xahar għall-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li għalih jistgħu jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni bħala parti mill-volum globali tal-kwota stipulata fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu. Minħabba l-ħtieġa li jittieħdu miżuri biex tittaffa s-sitwazzjoni ekonomika tat-Tuneżija, huwa xieraq li jitħaffef il-kummerċ fiż-żejt taż-żebbuġa bejn l-Unjoni u t-Tuneżija billi jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-amministrazzjoni tal-kwota miftuħa bir-Regolament (KE) Nru 1918/2006. Jeħtieġ għalhekk jitrażżnu l-limiti ta' kull xahar stipulati fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-ammont ta' garanzija stabbilit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006 għandu jiżdied sabiex jiggarrantixxi li l-impenn għall-importazzjoni jkun issodisfat matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzji tal-importazzjoni.
- (3) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1918/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kwota tinfetaħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena.";

(b) jitħassar il-paragrafu 3.

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti jistgħu jissottomettu applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni waħda kull ġimgħa, nhar ta' Tnejn jew nhar ta' Tlieta.";

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebbuġa li joriġina mit-Tuneżija (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84).

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 (\*), sal-aħħar jum tal-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni.

L-ammont tal-garanzija għandu jkun EUR 20 għal kull 100 kilogramma netta.

(\*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3).”.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan japplika għall-perjodi tal-kwota li jibdew fl-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER